



Brussell, 20 ta' April 2018
(OR. en)

8061/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0219 (COD)

CODEC 565
INST 159
FIN 314
PE 53

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, (Strasburgu, 16 sad-19 ta' April 2018)

I. INTRODUEZZJONI¹

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni², saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

¹ L-iffurmattjar tal-verżjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

² ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

F'dan il-kuntest, ir-rapporteurs, Mercedes Bresso (S&D, IT) u Rainer Wieland (PPE, DE) ippreżentaw emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 17) għall-proposta għal Regolament, f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali. Kien intlaħaq qbil dwar din l-emenda matul il-kuntatti informali msemija hawn fuq.

II. VOT

Meta vvotat fis-17 ta' April 2018, il-plenarja adottat emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 17) għall-proposta għal Regolament. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni legiſlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness hawnhekk³.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li preċedentement kien miftiehem bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

³ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni legiſlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet fit-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

L-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (COM(2017)0481 – C8-0307/2017 – 2017/0219(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0481),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 224 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0307/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-fondazzjonijiet politiċi fuq livell Ewropew⁴,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-7 ta' Marzu 2018, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0373/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sostanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁴ Testi adottati, P8_TA(2017)0274.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-17 ta' April 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li *kkonsultaw il-Kumitat* tar-Reġjuni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri⁶,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁷,

⁵ ĠU C , , p. .

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2018.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ jistabbilixxi status ġuridiku Ewropew speċifiku li jistgħu jibbenefikaw minnu partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom u jipprevedi li dawn jiġu ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

⁸ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1).

- (2) Għe identifika il-bżonn li jiġi emendat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 sabiex jintlaħaq aħjar l-oġettiv tal-inkoraġġiment u l-assistenza lil partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom fl-isforz tagħhom biex jipprovdu rabta qawwija bejn is-soċjetà ċivili Ewropea u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Parlament Ewropew.
- (3) ***Wara l-bidliet fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ ("ir-Regolament Finanzjarju"), id-definizzjoni tal-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jiġi rivedut. Jenħtieġ li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jiddeżinjaw speċifikament persuna jew persuni għall-iskop tal-iskambju ta' informazzjoni matul l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, huma jkunu jistgħu jagħżlu minn fost dawk il-persuni jew korpi diġà ddeżinjati għall-kwistjonijiet relatati mas-sistema ta' individwazzjoni u esklużjoni bikrija stabbilita u operata mill-Kummissjoni biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.***

⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

- (4) Huwa neċessarju li jiġi ggarantit aħjar li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom ikollhom dimensjoni transnazzjonali ġenwina sabiex ikunu jistgħu jiksibu status ġuridiku Ewropew speċifiku permezz tar-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, sabiex tissaħħaħ ir-rabta bejn il-politika fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni u sabiex jiġi evitat li l-istess partit nazzjonali artifiċjalment joħloq diversi partiti politiċi Ewropej b'tendenzi politiċi simili jew identiċi, jenħtieġ li l-membri tal-istess partit politiku nazzjonali ma jiġux ikkunsidrati fir-rigward ta' alleanzi politiċi differenti, għall-fini tar-rekwiżiti minimi ta' rappreżentanza biex daww l-alleanzi jkunu jistgħu jiġu rreġistrati bħala partit Ewropew. Għalhekk, jenħtieġ li l-partiti politiċi biss u mhux aktar l-individwi jiġu kkunsidrati għall-fini ta' daww ir-rekwiżiti minimi ta' rappreżentanza.

- (5) Jenħtieġ li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom jkunu jistgħu jużaw sehem akbar mill-appropriazzjonijiet iddedikati għall-finanzjament tagħhom fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, jenħtieġ li jiżdied is-sehem massimu ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji jew għotjiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fin-nefqa rimborsabbli annwali indikata fil-baġit ta' partit politiku Ewropew u fil-kostijiet eliġibbli mġarrba minn fondazzjoni politika Ewropea.
- (6) Għal raġunijiet ta' trasparenza u sabiex jissaħħu l-iskrutinju u r-responsabbiltà demokratika tal-partiti politiċi Ewropej u r-rabta bejn is-soċjetà ċivili Ewropea u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Parlament Ewropew, jenħtieġ li l-aċċess għall-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jsir taħt il-kondizzjoni li l-partiti membri ***tal-UE*** jippubblikaw, ***b'mod ċarament viżibbli u faċli għall-utent***, il-programm ***politiku*** u l-logo tal-partit politiku Ewropew ikkonċernat **■**. ***Jenħtieġ li tithegġegħ l-inklużjoni ta' informazzjoni dwar il-bilanċ bejn is-sessi fir-rigward ta' kull wieħed mill-partiti membri tal-partit politiku Ewropew.***

- (7) Sabiex tiġi stabbilita allokkazzjoni aktar proporzjonali tar-riżorsi mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li oġġettivament jiġi rifless l-appoġġ elettorali ġenwin ta' partit politiku Ewropew, jenħtieġ li l-finanzjament ta' partiti politiċi Ewropej, u, b'estensjoni, tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati rispettivi tagħhom, ikun marbut aktar mill-qrib ma' livell ta' appoġġ elettorali li jista' jintwera. Għaldaqstant, ir-regoli dwar id-distribuzzjoni tal-finanzjament jenħtieġ li jiġu adattati sabiex iqisu aktar is-sehem tal-membri eletti li kull partit politiku Ewropew jkollu fil-Parlament Ewropew.
- (8) Fejn partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea, minħabba bidla fiċ-ċirkostanzi, ma jibqgħux jissodisfaw waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni, jenħtieġ li dawn jitneħħew mir-Reġistru.
- (9) Għal raġunijiet ta' ċertezza ġuridika u trasparenza, jenħtieġ li jiġi previst espliċitament li partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea jkunu jistgħu jitneħħew mir-Reġistru fi żmien raġonevoli fejn il-partit jew il-fondazzjoni jkunu pprovdew informazzjoni falza jew mhux kompluta li fuq il-bażi tagħha tkun ittieħdet deċiżjoni għar-reġistrazzjoni ta' dak il-partit jew ta' dik il-fondazzjoni.

- (10) Jenħtieġ li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni tissaħħaħ billi jiġi previst li, f'każijiet ta' ksur, l-irkupru effettiv tal-finanzjament mill-bagħit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jiġi żgurat permezz tal-irkupru ta' ammonti mħallsa indebitament minn persuni fiżiċi responsabbli għall-ksur inkwistjoni, ***filwaqt li jiġu kkunsidrati, fejn applikabbli, iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali relatati ma' dawk il-persuni fiżiċi.***
- (11) Sabiex jiġu evalwati l-implikazzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 kif emendat minn dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' evidenza sostanzjali tal-funzjonament prattiku tiegħu, jenħtieġ li d-data tar-rieżami komprensiv propost tiġi posposta. ***Jenħtieġ li dak ir-rieżami komprensiv jagħti attenzjoni speċjali lill-implikazzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 kif emendat minn dan ir-Regolament għall-pożizzjoni tal-partiti politiċi Ewropej iżgħar u għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom.***

- (12) Jenħtieġ li ir-rekwiżiti l-ġodda rigward ***il-pubblikazzjoni*** tal-programm ***politiku*** u tal-logo tal-partiti politiċi Ewropej ■ japplikaw diġà, bl-aktar mod estiż possibbli, għall-applikazzjonijiet għall-finanzjament għall-2019, li hi s-sena li fiha se jsiru l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi arranġamenti tranżitorji.
- (13) Sabiex jiġi żgurat li l-emendi għar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 introdotti minn dan ir-Regolament japplikaw b'mod tempestiv, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (14) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 ■ huwa emendat kif ġej:

(1) ***Il-premessa 12 hija sostitwita b'dan li ġej:***

"(12) Il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom li jkunu jixtiequ jiksbu rikonoxximent bħala tali fuq livell tal-Unjoni billi jkollhom status ġuridiku Ewropew u jirċievu finanzjament pubbliku mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li jirrispettaw ċerti prinċipji u jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet. B'mod partikolari, huwa neċessarju li l-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi affiljati magħhom jirrispettaw, ***b'mod partikolari fil-programm u fl-attivitajiet tagħhom***, il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, kif hu ddikjarat fl-Artikolu 2 tat-TUE, ***jigħifieri r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi***.";

(2) *tiddaħħal il-premessa li ġejja:*

"(30a) F'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu l-kompitu li jinvestiga allegazzjonijiet ta' reati kriminali fil-kuntest tal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, fis-sens tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**. L-obbligu taħt l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2017/1939 japplika għall-Awtorità.*

** Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).*

*** Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29)";*

(3) *fl-Artikolu 2, il-punt (10) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"(10) "Punt ta' Kuntatt Nazzjonali" tfisser █ kwalunkwe persuna jew persuni speċifikament iddeżinjati mill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri għall-fini tal-iskambju ta' informazzjoni fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament;
";

(4) L-Artikolu 3(1) huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (b), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"il-partiti membri tagħha jridu jkunu rappreżentati, f'mill-inqas kwart tal-Istati Membri, minn membri tal-Parlament Ewropew, ta' parlamenti nazzjonali, ta' parlamenti reġjonali jew ta' assemblej reġjonali, jew";

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ba) il-partiti membri tagħha ma jkunux membri ta' partit politiku Ewropew ieħor;";

(5) *l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Il-Parlament Ewropew, *fuq inizzjattiva proprja tiegħu jew wara talba motivata minn grupp ta' ċittadini, ippreżentata f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, jew* il-Kunsill jew il-Kummissjoni, jistgħu jressqu talba lill-Awtorità għall-verifika tal-konformità minn partit politiku Ewropew speċifiku jew fondazzjoni politika Ewropea speċifika mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 3(1) u fil-punt (c) tal-Artikolu 3(2). F'tali każijiet, u fil-każijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(3), l-Awtorità għandha titlob lill-kumitat ta' persuni eminenti indipendenti stabbilit bl-Artikolu 11 għal opinjoni dwar is-suġġett. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien xahrejn.";

(6) *l-Artikolu 17(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"4. Kontribuzzjonijiet finanzjarji jew għotjiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea ma għandhomx jaqbu d-90 % tan-nefqa rimborsabbli annwali indikata fil-baġit ta' partit politiku Ewropew u l-95% tal-kostijiet eliġibbli mġarrba minn fondazzjoni politika Ewropea. Il-partiti politiċi Ewropej jistgħu jużaw kwalunkwe parti mhux użata tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mogħtija biex ikopru nefqa rimborsabbli fis-sena finanzjarja wara l-għoti tagħha. L-ammonti mhux użati wara dik is-sena finanzjarja għandhom jiġu rkuprati skont ir-Regolament Finanzjarju.";

(7) fl-Artikolu 18, jiddaħħal il-paragrafu ■ li ġej:

"**2a.** Partit politiku Ewropew għandu jinkludi fl-applikazzjoni tiegħu evidenza li turi li l-partiti membri *tal-UE* tiegħu, *bħala regola*, ikunu ppubblikaw ■ fis-siti web tagħhom, *b'mod ċarament viżibbli u faċli għall-utent*, matul it-12-il xahar li jippreċedu *d-data finali għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet*, il-programm politiku u l-logo tal-partit politiku Ewropew ■ .";

(8) l-Artikolu 19(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-approprijazzjonijiet rispettivi għad-dispożizzjoni ta' daww il-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej li jkunu ngħataw kontribuzzjonijiet jew għotjiet skont l-Artikolu 18 għandhom jiġu distribwiti kull sena abbażi tal-formula ta' distribuzzjoni segwenti:

- **10 %** għandhom jiġu distribwiti fost il-partiti politiċi Ewropej benefiċjarji f'ishma ndaq,
- **90 %** għandhom jiġu distribwiti fost il-partiti politiċi Ewropej benefiċjarji fi proporzjon mas-sehem tagħhom ta' membri eletti tal-Parlament Ewropew.

L-istess formola ta' distribuzzjoni għandha tintuża biex jingħata finanzjament lil fondazzjonijiet politiċi Ewropej, abbażi tal-affiljazzjoni tagħhom ma' partit politiku Ewropew.";

(9) l-Artikolu 27(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fejn jiġi stabbilit, skont il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 10(2) sa (5), li ma jkunux għadhom jissodisfaw waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3(1) jew (2);";

(b) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(ba) fejn *id-deċiżjoni għar-reġistrazzjoni* tal-partit jew tal-fondazzjoni inkwistjoni *tkun ibbażata fuq informazzjoni żbaljata jew żvijanti li għaliha jkun responsabbli l-applikant, jew fejn tali deċiżjoni tkun inkisbet bil-qerq*, jew";

(10) ■ jiddaħħal *l-artikolu* li ġej:

"Artikolu 27a

Responsabbiltà ta' persuni fiżiċi

Fejn l-Awtorità timponi sanzjoni finanzjarja fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (a)(v) jew (a)(vi) ***tal-Artikolu 27(2)*** hi tista', għall-fini tal-irkupru skont l-Artikolu 30(2), tistabbilixxi li persuna fiżika li tkun membru tal-korp amministrattiv, tal-ġestjoni jew superviżorju tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea, jew li jkollha s-setgħat ta' rappreżentanza, deċiżjonali jew ta' kontroll fir-rigward tal-partit politiku Ewropew jew tal-fondazzjoni politika Ewropea tkun ukoll responsabbli għall-ksur, fil-każijiet li ġejjin:

- (a) fis-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a)(v) ***tal-Artikolu 27(2)*** fejn, fis-sentenza msemmija f'dik id-dispożizzjoni, il-persuna fiżika tkun instabet ukoll li tkun ukoll responsabbli għall-attivitajiet illegali inkwistjoni;
- (b) fis-sitwazzjoni msemmija fil-punt (a)(vi) ***tal-Artikolu 27(2)*** fejn il-persuna fiżika tkun ukoll responsabbli għall-imġiba jew l-ineżattezzi inkwistjoni.";

(11) *l-Artikolu 30(2) huwa emendat kif ġej:*

(a) *l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Partit politiku Ewropew jew fondazzjoni politika Ewropea li fuqhom tkun ġiet imposta xi sanzjoni għal kwalunkwe ksur elenkat fl-Artikolu 27(1) u fil-punti (v) u (vi) tal-Artikolu 27(2)(a) għandhom għal dik ir-raġuni ma jibqgħux konformi mal-Artikolu 18(2). Bħala riżultat, l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu jidtermina l-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja dwar finanzjament mill-Unjoni riċevut skont dan ir-Regolament, u għandu jirkupra ammonti li jkunu tħallsu indebitament skont il-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja, inkluż kwalunkwe fond mhux minfuq tal-Unjoni minn snin preċedenti. L-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandu wkoll jirkupra ammonti mħallsa indebitament skont il-ftehim jew deċiżjoni ta' kontribuzzjoni jew ta' għotja minn persuna fiżika li fir-rigward tagħha tkun ittieħdet deċiżjoni skont l-Artikolu 27a **■**, *filwaqt li jqis, fejn applikabbli, ċirkostanzi eċċezzjonali relatati ma' dik il-persuna fiżika.*";

(b) *it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Fl-eventwalità ta' tali terminazzjoni, il-pagamenti mill-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew għandhom ikunu limitati għan-nefqa *rimborsabbli* mġarrba mill-partit politiku Ewropew jew *il-kostijiet eliġibbli mġarrba mill-fondazzjoni* politika Ewropea sad-data meta d-deċiżjoni ta' terminazzjoni tidħol fis-seħħ.";

(12) *l-Artikolu 32(1) huwa emendat kif ġej:*

(a) *il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"(i) deskrizzjoni tal-appoġġ tekniku pprovdut lill-partiti politiċi Ewropej; **■** "

(b) *il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"(j) ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar l-attivitajiet iffinanzjati, kif imsemmi fl-Artikolu 38; **u**"

(c) *jiżdied il-punt li ġej:*

"(k) lista aġġornata tal-Membri tal-Parlament Ewropew li jkunu membri ta' partiti politiku Ewropew.";

(13) *l-Artikolu 34 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

"Artikolu 34

Dritt ta' smigħ

Qabel ma l-Awtorità jew l-Uffiċjal Awtorizzanti tal-Parlament Ewropew jieħdu deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet ta' partit politiku Ewropew, ta' fondazzjoni politika Ewropea, **■** ta' applikant kif imsemmi fl-Artikolu 8 ***jew ta' persuna fiżika kif imsemmi fl-Artikolu 27a***, għandhom jisingħu r-rappreżentanti tal-partit politiku Ewropew, tal-fondazzjoni politika Ewropea jew **■** tal-applikant, ***jew lil-persuna fiżika ikkonċernati***. L-Awtorità jew il-Parlament Ewropew għandhom jiddikjaraw debitament ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom.";

(14) *l-Artikolu 38 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

‘Artikolu 38

Evalwazzjoni

Il-Parlament Ewropew għandu, wara li jikkonsulta l-Awtorità, jippubblika ***sal-31 ta' Diċembru 2021 u kull*** ħames snin wara ***dik id-data*** rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar l-attivitajiet ifffinanzjati. Ir-rapport għandu jindika, fejn xieraq, emendi li jistgħu jsiru fl-istatut u fis-sistemi ta' finanzjament.

Mhux aktar minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tar-rapport mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***li fih tingħata attenzjoni partikolari lill-implikazzjonijiet tiegħu għall-pożizzjoni tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej iżgħar***. Ir-rapport għandu jkun ***akkumpanjat, jekk xieraq, minn*** proposta leġislattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament.';

(15) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 40a

Dispożizzjoni tranżitorja

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament applikabbli qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandhom ikomplu japplikaw fir-rigward tal-atti u l-impenji relatati mal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej fil-livell Ewropew għas-sena finanzjarja 2018.

2. B'deroga mill-Artikolu 18(2a), l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Parlament Ewropew għandu, qabel jiddeċiedi dwar applikazzjoni dwar finanzjament **għas-sena finanzjarja 2019**, jirrikjedi l-evidenza msemmija fl-Artikolu 18(2a) biss għal perjodu minn ... [xahrejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

3. Il-partiti politiċi Ewropej reġistrati qabel ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għandhom, sa mhux aktar tard minn ... [xahrejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju], jippreżentaw dokumenti li jippruvaw li huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (b) u (ba) tal-Artikolu 3(1).

4. L-Awtorità għandha tneħħi mir-Reġistru partit politiku Ewropew u l-fondazzjoni politika Ewropea affiljata miegħu fejn il-partit inkwistjoni ma jipproduċix prova fit-terminu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 3 li turi li jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (b) u (ba) tal-Artikolu 3(1)."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ **█** fil-jum **█** tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President